## 18 ta' Jannar, 1964.

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Carmelo Cricchiola

*versus*

Lorenzo sive Lorry Pulis.

**Irritwalità taċ-Ċitazzjoni — Art. 155 (1) (2) (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-motiv tal-ammont globali raggruppat għal diversi kawżalijiet, ma jġibx miegħu li b'mod jew ieħor id-domanda mhix intelliġibbli jew vaga, jew nieqsa mill-esposizzjoni ċara tal-kawżalijiet li għalihom l-attur jitlob kanonizzazzjoni ta' Kreditu indikata f'somma komplessiva u verjuri. Dina ċ-ċirkostanza tista, għal piu', tagħti lok għal temperament fil-*

*kap tal-ispejjes jekk jirriżulta li għal xi kawżali minnhom l-waħda mill-kawżalijiet meħudin separatament l-ammont ammont involut fit-talba ma kienx dovut, jew jekk kull dovut kien inferjuri għal għaxar liri.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attur silef flus brevi manu lil Dolores Pulis mart il-konvenut, kif ukoll issupplilha spare parts ta' karozza kif ukoll kera xi karrozzi għan-nom u fl-interess tal-konvenut u barra minn dan ħammel lill-konvenut fossa u għamilha saqaf ġdid tal-konkos, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-instanti erba u sittin lira (£64) jew somma, verjuri għal pretenzjoni fuq indikata; bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xiedha tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jeċċeppixxi li mhux responsabbili għal self ta' flus magħmul lil martu; jekk dan is-self sar effettivament lanqas huwa responsabbli għall-ħlas ta' spare parts forniti, jekk forniti lil martu, għaliex qatt ma awtorizza lil martu biex tixtri dawn l-oġġetti; illi l-konvenut lanqas awtorizza lill-attur jikri karrozzi għan-nom u fl-interess tiegħu; illi għar-rigward tat-taħmil ta' fossa u bini ta' saqaf tal-konkos għal-istess fossa, l-attur ftiehem ma' mart l-attur li jikkompensa l-ħlas tiegħu ma dritt ta' senserija tagħha, li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, illi sussidjarjament iċ-ċitazzjoni hi magħmula ħażin għaliex qegħdha tintalab somma globali fuq diversi kawzalijiet mingħajr ma hemm indikata s-somma pretiza għall kull kawżali;

Rat . . . omissis . . .

Semgħet l-Avukat tal-konvenut li skond il-verbal fis-seduta tal-4 ta' Diċembru, 1963, iddikjara li jibqa jsostni l-eċċezzjoni tal-irritwalita' taċ-ċitazjoni, billi dina hija magħmula ħażin għaliex qegħdha tintalab somma globali fuq diversi kawżalijiet, mingħajr ma hemm indikata s-somma pretiża għal kull kawżali;

Ikkunsidrat:

Li kien ikun desiderabbli li l-fatti premessi għat-talba fiċ-ċitazzjoni jkunu indikati anqas sommarjament u li għal kull pretensjoni dedotta jiġi speċifikat l-import relativ tal-partita li l-attur qieged jippretendi li jitħallas tagħha mill-konvenut; infatti ċerta tendenza li l-kawżi jiġu kostruiti b'mod vag u indeterminat, u li jpoġġu lill-konvenut f'posizzjoni li ma jkunx jista jistabillixxi l-kontestazzjoni, u jġalu lill-Qorti tinvestiga l-pretensjoni dedotta permezz ta' xiehda meta dina setgħet liberament tiġi appurata permezz ta' dokument, jew ta' deskrizzjoni aktar ċara u preċiża fil-premessi taċ-ċitazzjoni jew fid-dikjarazzjoni — hija indiskutibilment ċensurabbli u ma tikkorrispondix għal postu'ati tal-proċedura li fl-art. 155 (1) (2) (3) tesiġi li ċ-ċitazzjoni għandha jkun fiha mfissrin ċar u sewwa l-oġġetti u r-raġuni tat-talba, għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa, u l-fattijiet tal-kawża għandhom jiġu miġjuba biċ-ċar u ħaġa b'ħaġa.

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti mhiex tal-fehma pero' li ċ-ċitazzjoni kif hija formulata ma tistax isseħħ. infatti l-motiv tal-ammont globali raggruppat għal diversi kawżalijiet ma jġibix

miegħu li b'mod jew ieħor id-domanda mhiex intelliġibbli jew vaga, jew nieqsa mill-esposizzjoni ċara tal-kawżalijiet li għalihom l-attur qiegħed jitlob kanonizazzjoni ta' kreditu, indikata f'somma komplessiva, u verjuri, dina ċ-ċirkustanza tista', għal più tagħti lok għal temperament fil-kap tal-ispejjeż, jekk jirriżulta li għal xi kawżali minnhom l-ammont involut fit-talba ma kienx dovut, jew jekk għal kull waħda mill-kawżalijiet meħudin separatament l-ammont dovut kien inferjuri għal għaxar liri.

Ikkunsidrat:

Li l-Qrati tagħna kemm jista jkun qatt ma kienu proklivi li joħolqu nullitajiet, fejn, il-validità u l-korrettezza ta' att ġudizzjarju jistgħu jiġu sostnuti, anki jekk dana mhux skrupolosament aderenti għall-esiġenzi proċedurali. Il-punto di vista tal-ġustizja sostanzjali jinfluixxi favorevolment fuq il-kors ta' dina l-attitudini kwitativa li ġagħlet il-Qrati tagħna jirritjenu li l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha ssir ċitazzjoni; basta li jiftiehem x'ikun qiegħed jitlob l-attur (Kollez. XXIX, 1, 431, Vol. III, 137) u marret aktar l'hemm u ppermettiet lill-attur "di aggiungere ulteriori ragioni a sussidio della domanda senza alterazzioni della sostanza della stessa" (Kollez. XI, 198; XXIX, 1, 1139); u kif osserva b'sens ta' liberalità u komprensjoni wieħed mill-imħallfin tagħna, fil-kawża "Joseph Attard u Joseph Cutajar" deċiża mill-Qorti tal-kummerċ, fit-23 ta' Marzu, 1954: "Il-Qrati tagħna, dejjem għal korrenti tal-leġislazzjonijiet u tal-ġurisprudenza esteri, u kompriżi mill-bontà u razjonalità ta' dak is-sistema li trid biex tevita kemm jista jkun, taħt il-fren modernativ tal-ġudikant, il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti, u biex tnaqqas l-ispejjeż, dejjem wrew ruħhom lesti biex kemm jista jkun u sa fejn jistgħu, ineħħu min dak ir-riġur dwar l-iden-

tika kelma tal-liġi li jikkostitwixxi sistema antik ta' formoli solenni li llum qiegħed jiġi abbandunat u għalhekk iddeċidew in bażi għal ekwipollenza meta d-domanda setgħet tikkomprendi anki d-dritt li jkun jiriżulta" (Kollez. VIII, 816, XXIX, 11, 700; XXXVIII, 111, 663; XXXIV, 11, 501);

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tirriġetta l-eċċezzjoni tal-irritwalità taċċitazzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjeż, mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru għall-konvenut, u tordna li l-ġudizzju jitkompla fil-mertu.